MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 116/2022 LM

**Melvin Enriquez (K.I. 270400A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Melvin Enriquez (K.I. 270400A)**, hawnhekk 'l-appellant', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tad-19 ta' Settembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent mid-deċiżjoni tal-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-Aġenzija appellata', tat-28 ta' Frar, 2022.

**Fatti**

2. Jirriżulta li r-rikorrent, persuna ta' ċittadinanza Filippina, applika għal Permess Uniku fl-24 ta' Frar, 2022. Fit-28 ta' Frar, 2022, huwa ġie infurmat mill-Aġenzija Identity Malta li bħala ċittadin ta' pajjiż terz, l-applikazzjoni tiegħu setgħet issir mit-territorju ta' pajjiż terz, minn Malta, jew minn kull Stat Membru ieħor li l-applikant ikun jinsab fih legalment. Ir-rikorrent ġie nfurmat mill-Aġenzija intimata, li rriżultalha li fil-mument li huwa intavola l-applikazzjoni tiegħu, huwa ma kienx qiegħed f'Malta legalment, u l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma kienx irregolarizzalu l-pożizzjoni tiegħu, u għalhekk huwa meqjus bħala immigrant ipprojbit. Ir-rikorrent ġie mgħarraf ukoll, permezz tal-istess ittra, li għal dawn ir-raġunijiet, l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi miċħuda.

**Mertu**

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu, ir-rikorrent spjega li sas-7 ta' Novembru, 2021 huwa kien ħadem bħala Sushi Chef mal-istabbiliment One80 Kitchen, minn fejn irriżenja għaliex sab impjieg aħjar ma' Paradise Bay Hotel Limited. Spjega li fit-18 ta' Novembru, 2021, Paradise Bay Hotel Limited issottomettiet f'isem ir-rikorrent applikazzjoni għal *change of employer*, u għalhekk din l-applikazzjoni ġiet intavolata fi żmien għaxart ijiem mir-riżenja tal-applikant mill-impjieg li kellu qabel. Ġie spjegat li waqt li l-applikant kien għadu qiegħed jistenna l-eżitu tal-applikazzjoni tiegħu biex ibiddel l-impjieg tiegħu għal ma' Paradise Bay Hotel Limited, huwa ġie offrut kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar minn Island Resort Company Limited, li joperaw il-lukanda Soreda fil-Qawra. L-applikant ingħata

parir jirtira l-applikazzjoni li kien għamel ma’ Paradise Bay Hotel Limited, sabiex ikun jista’ jippreżenta applikazzjoni ġdida għal *change of employer,* liema applikazzjoni ġdida ddaħħlet fl-24 ta’ Frar, 2022. Din l-applikazzjoni l-ġdida tar-rikorrent ġiet rifjutata fit-28 ta’ Frar, 2022, fejn ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal *change of employer* saret meta huwa kien f’Malta irregolarment. Ir-rikorrent spjega li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta, u qal li kemm ilu Malta huwa dejjem fittex li jkollu impjieg u li jkollu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, iżda dan ma kienx faċli għaliex l-industrija li huwa fittex li jaħdem fiha ntlaqtet negattivament meta feġġet il-pandemija tal-Covid-19. Qal ukoll li kemm ilu hawn Malta huwa dejjem kien impjegat, jew qed jistenna d-deċiżjoni ta’ Identity Malta wara li bidel l-impjieg. Qal li l-permess li kellu marbut mal-impjieg ma’ One80 Kitchen kien ser jiskadi fis-27 ta’ Settembru, 2022, u huwa kien taħt l-impressjoni li seta’ jibqa’ f’Malta leċitament sakemm dan il-permess ta’ residenza jkun għadu validu. Qal li minkejja li n-nuqqas ta’ għarfien ta’ dak li tgħid il-liġi mhux skużanti, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 imkien ma tgħid li l-permess uniku jiġi rrevokat awtomatikament hekk kif l-impjieg taċ-ċittadin tal-pajjiż terz jiġi revokat. Qal ukoll li sa ftit taż-żmien ilu, l-Aġenzija Identity Malta kienet tagħti perijodu ta’ xahar sabiex ċittadini minn pajjiżi terzi jkunu jistgħu jibdlu l-post tal-impjieg tagħhom, u kien biss fi żmien riċenti li l-Aġenzija Identity Malta ddeċidiet li tinforza *policy* ġdida li tgħid li l-applikazzjoni għal bidla fil-post tal-impjieg trid issir fi żmien għaxart ijiem mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg. Qal li dan il-perijodu ta’ żmien huwa wieħed qasir wisq u mhux biżżejjed biex persuna ssib impjieg alternattiv u tipprepara u tissottometti d-dokumentazzjoni meħtieġa.

4. Ir-rikorrent spjega li minkejja dawn id-diffikultajiet, l-applikazzjoni l-ġdida tiegħu sabiex jibda jaħdem ma' Paradise Bay Hotel Limited ġiet ippreżentata fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol, u għalhekk l-applikazzjoni l-ġdida tiegħu sabiex jibda jaħdem ma' Island Resort Co. Ltd, liema applikazzjoni ġiet ippreżentata minnu hekk kif irtira l-applikazzjoni li kien għamel sabiex jirregolarizza l-impjieg tiegħu ma' Paradise Bay Hotel, ma kellhiex titqies li hija irregolari. Qal li l-applikazzjoni sabiex jirregolarizza l-impjieg tiegħu ma' Island Resort Company Limited u fit-12 ta' Jannar, 2022 bdiet tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni fir-rigward ta' din l-applikazzjoni, iżda li l-awtorizzazzjoni medika tiegħu ħadet tul ta' żmien biex ġiet regolarizzata, u għalhekk ittellgħet fuq il-pjattaforma *online* fl-24 ta' Frar, 2022. Qal li l-Aġenzija Identity Malta kkunsidrat din l-aħħar data bħala d-data li fiha huwa ssottometta l-applikazzjoni tiegħu. Ir-rikorrent qal li kien hemm istanzi fejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kkonċeda perijodu ta' għaxart ijiem lil ċittadini minn pajjiżi terzi sabiex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom mill-ġdid, iżda fil-każ tiegħu ma ġarax hekk, u minflok fit-28 ta' Frar, 2022 huwa ġie nfurmat li kien qiegħed f'Malta illegalment u li kellu jħalli ż-Żona Schengen minnufih. Ir-rikorrent irrefera għall-fatt li l-industrija li jrid jaħdem fiha kontinwament tiffaċċja nuqqas ta' ħaddiema, u huwa għandu dikjarazzjoni minn Island Resort Company Limited li tgħid li s-servizzi tiegħu huma meħtieġa b'mod urġenti, u li hija għadha disposta li timpjegah hekk kif jinħariġlu l-Permess Uniku.

5. Min-naħa tagħha l-intimata wieġbet li r-rikorrent kien ingħata Permess Uniku abbażi tal-impjieg tiegħu ma' One80 Kitchen fis-27 ta' Settembru, 2021, iżda dan l-impjieg tiegħu ġie tterminat fis-7 ta' Novembru, 2021. Qalet li għalhekk l-iskop li għalih ir-rikorrent kien ingħata l-Permess Uniku waqaf jeżisti.

Żiedet tgħid li r-rikorrent ippreżenta applikazzjoni ġdida għal Permess Uniku fis-7 ta' Diċembru, 2021, imma li din l-applikazzjoni ġiet irtirata fit-3 ta' Jannar, 2022. Qalet li minkejja li f'dan il-każ kien hemm terminazzjoni tal-impjieg, l-intimata tikkonċedi perijodu ta' għaxart ijiem li fih persuna tista' tirrettifika l-pożizzjoni tagħha billi ssib impjieg alternattiv u tissottometti applikazzjoni ġdida. Qalet ukoll li l-applikant naqas li jissottometti applikazzjoni ġdida jew li jimla l-formula taċ-*change of employer* fit-terminu ta' għaxart ijiem imsemmi, u għalhekk dan kien meqjus li ma kienx qiegħed f'Malta b'mod legali. Qalet ukoll li l-applikant beda jiġbor id-dokumenti sabiex ikun jista' jippreżenta applikazzjoni ġdida għal Permess Uniku fit-12 ta' Jannar, 2022, iżda din l-applikazzjoni ġiet sottomessa b'mod komplut fl-24 ta' Frar, 2022, u għalhekk kienu għaddew aktar minn tliet xhur mit-terminazzjoni tal-Permess Uniku abbażi tal-impjieg tar-rikorrent ma' One80 Kitchen. L-intimata qalet li minflok irrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrent, hija għamlet eżerċizzju minn jeddha mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk is-sitwazzjoni tar-rikorrent setgħetx tiġi regolarizzata. L-intimata spjegat li wara li saru l-verifiki neċessarji, ġie deċiż li l-qagħda tar-rikorrent ma setgħetx tiġi regolarizzata, u kien għalhekk li l-appell ippreżentat mir-rikorrent tqies li huwa null.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Settembru, 2022, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 28th February, 2022, Identity Malta Agency stated that at the moment the application was submitted (Application reference number **R96858767)**, that is, on 24th February, 2022 (according to the Agency), the appellant was not legally present in Malta or legally present elsewhere in the European Union, and consequently, was not in a state of compliance with Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw that an appeal was registered on 1st March, 2022;*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 14th April, 2022.*

***2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, among other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>** (decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency explained as follows:*

- *On 27th September, 2021, the appellant was granted a Single Permit authorising him to work for One80 Kitchen. However, he resigned his post on 7th November, 2021.*
- *He then submitted a fresh application on 7 December, 2021 (one month after his last day of work). However, that application was withdrawn on 3rd January, 2022.*

*Judging by the appealed decision, the appellant then lodged a further fresh application on 24th February, 2022, which application was met with the appealed decision.*

*The appellant stated as follows:*

- *He resigned his post with One80 Kitchen on 7th November, 2022 as he was offered better employment conditions by Paradise Bay Hotel Limited.*

- *Paradise Bay Hotel Limited submitted a fresh application on 18th November, 2022 (thus within the ten-day time limit, according to the appellant).*
- *However, in the meantime, the appellant had also applied to work for Island Resort Co. Limited (which operates Soreda Hotel in Qawra). It seemed that this company accepted the appellant's application and offered even better work conditions than Paradise Bay Hotel Limited. Therefore, the appellant withdrew his application to work for Paradise Bay Hotel Limited.*
- *Then, Island Resort Co. Limited submitted a Single Permit application on the appellant's behalf on 24th February, 2022.*

*The Board states that the appellant ought to have known that with his future at stake, it was unwise to play around with lodging and then withdrawing Single Permit applications. Although the Board understands that an individual tries to secure the best possible working conditions, the Board also knows that the appellant should have made up his mind prior to an application for a Single Permit being lodged.*

*The main problem is that the appellant withdrew the Paradise Bay Hotel Limited application on 3rd January, 2022 and there was a gap of around seven weeks before the Island Resort Co. Limited was lodged. There is no evidence that proves that during those seven weeks, the appellant had any sort of permit to stay in Malta.*

*The appellant argued that he was genuinely under the impression that his Single Permit would expire on 11th October, 2022 and would not be affected by termination of employment or any other matter. In his appeal, he admits that ignorance of the law is no excuse, but attempts to argue that S.L. 217.17 does not explicitly state that a Single Permit is automatically revoked as soon as a third-country national resigns employment.*

*The Board disagrees with such reasoning. S.L. 217.17 is a* lex specialis *which combies a residence permit and a work permit (Regulation 1[3][a] of S.L. 217.17). Regulation 2 then defines* "permess uniku" *as* "... permess ta' residenza maħruġ mid-Direttur li jippermetti ċittadin ta' pajjiż terz jirrisjedi legalment f'Malta **għal finijiet ta' xogħol"** *(emphasis added by the Board).*

*One could also refer to Article 5(2)(g) of the Immigration Act, which states that a person shall be a prohibited immigrant, inter alia,* **"If any circumstance which determined** the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or **the granting of a residence permit ceased to exist"** *(emphasis added by the Board).*

*Given that the appellant's employment was terminated and given that the employment is the sole reason for the granting of a residence permit under S.L. 217.17, it ought to have been obvious that once employment ceased, the permit could no longer possibly be valid and the circumstances under which it had been issued had ceased to exist.*

*3. **Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties.*

## L-Appell

7. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-28 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tal-Bord tad-19 ta' Settembru, 2022 fl-ismijiet premessi. L-appellant qal li din il-Qorti ta' reviżjoni għandha ġurisdizzjoni biex tisma' l-appell odjern in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Spjega li l-aggravju tiegħu huwa wieħed, u huwa ċar u manifest, jiġifieri li l-appellata kellha tkun raġonevoli fil-mod kif ħadet id-deċiżjoni fil-konfront tal-appellant. Qal li l-Aġenzija appellata hija entità amministrattiva pubblika, li m'għandhiex tapplika l-liġi *ad litteram* mingħajr ma tara ċ-ċirkostanzi tal-każ. Qal ukoll li l-Aġenzija appellata qegħda tagħti interpretazzjoni restrittiva ferm ta' dak li tgħid il-liġi. Qal li l-Bord twaqqaf mil-leġislatur sabiex jinterpreta l-liġi skont il-fatti li jkollu quddiemu u mhux biex ikun *rubber stamp* tal-Aġenzija appellata. L-appellant qal li l-Bord inħoloq bħala bord kważi-ġudizzjarju sabiex jistħarreġ deċiżjonijiet amministrattivi, jekk jirrispettawx il-prinċipju amministrattiv ben stabbilit tar-raġonevolezza. L-

appellant qal li f'dan il-kuntest jidħol l-element ta' x'inhu 'raġonevoli' u proporzjonat, li għandu jiġi segwit minn awtorità pubblika bħal ma hija l-appellata.

8. L-appellant sostna li l-Aġenzija appellata u l-Bord naqsu milli japplikaw id-diskrezzjoni tagħhom fil-parametri tar-raġonevolezza, u għal konsiderazzjonijiet li huma rilevanti għall-każ li kellhom quddiemhom. Qal li l-azzjonijiet ta' awtorità pubblika għandhom ikunu adattati għas-sitwazzjonijiet li jittrattaw, u għandhom ikunu tali li ma jikkaġunawx danni bla bżonn lill-individwu jew lil xi suġġett ieħor tad-dritt. L-appellant qal li kemm l-Aġenzija kif ukoll il-Bord, irrikonoxxew li l-appellant kien qiegħed jara x'toffri d-dinja tax-xogħol sabiex isib l-aħjar għalih. Qal li dan huwa dritt tiegħu bħala ħaddiem, u huwa kien qiegħed jaġġusta l-pożizzjoni tiegħu. Kompla jgħid li dan mhux każ fejn huwa naqas milli jieħu ħsieb l-interessi tiegħu, għaliex huwa għamel minn kollox biex jaġġusta ruħhu u jsib impjieg ieħor. Qal li huwa m'għandux jiġi ppenalizzat talli ħa ż-żmien tiegħu, għaliex il-penali f'dan il-każ hija li huwa jispiċċa mingħajr jeddijiet f'dan il-pajjiż u li jitkeċċa minnu.

## **<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-Aġenzija appellata fir-risposta tagħha qalet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Spjegat li l-appellant kien preċedentement ingħata *Single Permit*, liema permess ingħata abbażi tal-impjieg tiegħu ma' One80 Kitchen, u dan il-permess kien validu mis-27 ta' Settembru 2021 sas-27 ta' Settembru, 2022. Qalet li l-appellant irriżenja minn dan l-impjieg fis-7 ta' Novembru, 2021. Qalet li fis-7 ta' Diċembru, 2021, l-appellant ippreżenta

applikazzjoni ġdida ma’ Paradise Bay Hotel Limited, iżda sussegwentement fit-3 ta’ Jannar, 2022 irtira din l-applikazzjoni. L-Aġenzija appellata spjegat li għaddew kważi xahrejn wara l-irtirar tal-applikazzjoni preċedenti, u kważi erba’ xhur mill-iskadenza tal-permess ta’ qabel, meta fl-24 ta’ Frar, 2022 l-appellant ippreżenta applikazzjoni oħra ġdida, din id-darba ma’ Island Resort Limited. Qalet li fit-28 ta’ Frar, 2022, hija bagħtet tinforma lill-appellant li l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda permess li fil-mument li fih huwa ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, huwa ma kienx preżenti f’Malta legalment, u dan *ai termini* tar-Regolament 8(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17.

10. L-appellata qalet li filwaqt li fl-aggravju mressaq mill-appellant, dan jgħid li l-Aġenzija appellata ma kinitx raġonevoli fid-deċiżjoni tagħha, u jgħid ukoll li din kienet qiegħda tinterpreta l-liġi b’mod restrittiv, fil-fatt hija kienet qegħda tapplika traspożizzjoni ta’ Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2011/98/UE dwar proċedura ta’ applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta’ Stat Membru u dwar ġabra komuni ta’ drittijiet għal ħaddiema ta’ pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru. L-appellata qalet li l-Artikolu 4(1) ta’ din id-Direttiva jgħid li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fi Stat Membru sabiex ikun jista’ jippreżenta applikazzjoni. L-appellata qalet ukoll li hija ma kellha l-ebda diskrezzjoni fid-deċiżjoni tagħha, iżda kellha tapplika l-liġi kif inhi, u mhuwiex fil-mansjonijiet tal-Aġenzija appellata li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari ta’ ċittadin terz li jkun jinsab f’Malta illegalment. Qalet li hija *ex gratia* ressqet dan il-każ quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex jiddeċiedi jekk għandux jirregolarizza l-pożizzjoni illegali tal-appellant, f’liema każ imbagħad

hija setgħet tipproċedi biex tiddeċiedi fuq il-mertu tal-applikazzjoni ladarba jiġi deċiż li l-applikant ma kienx f'Malta b'mod irregolari.

11. L-appellata qalet li ladarba m'għandha l-ebda diskrezzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġi kif inhi, u mhuwiex fil-mansjonijiet tagħha li tirregolarizza l-pożizzjoni illegali ta' ċittadini terzi, id-deċiżjoni tagħha ma tista' qatt tkun ikkunsidrata bħala irraġonevoli għaliex ma tteħditx abbażi ta' xi eżerċizzju ta' diskrezzjoni, iżda abbażi ta' applikazzjoni tal-liġi, li l-appellant stess jgħid li kienet *ad litteram.* L-appellata qalet li huwa ovvju li l-iskop li wieħed jingħata Permess Uniku huwa sabiex jaħdem fi Stat Membru u l-applikant ikun jista' jirrisjedi fil-pajjiż sakemm ikun qiegħed jagħmel dak ix-xogħol. Qalet li l-Istat għandu dritt u obbligu li jirregolarizza s-suq tax-xogħol, anki għall-protezzjoni tal-applikant innifsu. L-appellata qalet li bir-rifjut ta' din l-applikazzjoni, l-applikant mhuwiex qiegħed jiġi mċaħħad milli jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu u jerġa' jippreżenta applikazzjoni identika minn pajjiż terz jew minn Stat Membru fejn jinsab legalment.

12. Fis-6 ta' Jannar, 2023, l-Aġenzija appellata talbet li tiġi awtorizzata tressaq eċċezzjoni ulterjuri, liema eċċezzjoni spjegat li hija ta' natura perentorja u li tista' titressaq f'kull stadju tal-proċeduri. L-appellata qalet li l-appell intavolat mill-appellant huwa null u improponibbli *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata spjegat li l-appellant mhuwiex persuna msemmija fit-Taqsima III tal-istess att, għaliex la huwa ċittadin ta' Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' xi stat li hu marbut bi Ftehim dwar Fruntiera.

13. L-appellant wieġeb għal dan ir-rikors fit-23 ta' Jannar, 2023, fejn qal li l-eċċezzjoni tal-Aġenzija appellata ma kellhiex titressaq fi stadju fejn il-kawża kienet tħalliet għas-sentenza, u li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti deċiżjoni dwar il-mertu, għaliex l-Aġenzija kienet akkwiexxiet għall-proċess kollu. Qal li bid-deċiżjoni li trid tingħata minn din il-Qorti, jrid jiġi deċiż jekk huwa kienx qiegħed fit-territorju Malti b'mod legali jew le, u li huwa żgur li f'pajjiż demokratiku fejn l-awtoritajiet jittrattaw lil kulħadd l-istess, huwa għandu dritt isegwi l-appell tiegħu u jibqa' Malta sakemm tingħata s-sentenza fil-konfront tiegħu. L-appellant qal li huwa għandu aspettattiva leġittima li jiġi deċiż il-każ fil-konfront tiegħu.

14. Din il-Qorti tat digriet dwar it-talba tal-Aġenzija appellata fl-14 ta' Frar, 2023, fejn spjegat li minkejja li eċċezzjoni ta' natura perentorja tista' titqajjem anki quddiem Qorti fi grad ta' appell, l-artikolu 732 tal-Kapitolu 12 ma jgħidx li din l-eċċezzjoni tista' tingħata f'kull ħin, anki fejn l-appell ikun tħalla għas-sentenza. Il-Qorti qieset ukoll li mill-istadju tat-trattazzjoni tal-appell, sal-preżentata tar-rikors odjern, ma kien hemm l-ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika li din l-eċċezzjoni perentorja tiġi mressqa wara li l-appell kien tħalla għas-sentenza, u għalhekk il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Aġenzija appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. L-aggravju waħdieni sollevat mill-appellant jgħid li l-Aġenzija appellata kellha tkun aktar raġonevoli fid-deċiżjoni li ħadet fil-konfront tiegħu. L-appellant saħaq li bħala entità amministrattiva, l-Aġenzija appellata kellha tara ċ-

ċirkostanzi kollha tal-każ, u tapplika l-parametri tar-raġonevolezza qabel tieħu d-deċiżjoni li ħadet.

16. Min-naħa tagħha l-Aġenzija appellata ċaħdet li hija għandha xi diskrezzjoni li tista' teżerċita f'każijiet ta' din ix-xorta, u qalet li hija m'għandhiex il-poter tirregolarizza l-qagħda irregolari ta' persuna li tkun qegħda f'Malta b'mod illegali. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellant kellu Permess Uniku ta' residenza u xogħol b'effett mis-27 ta' Settembru, 2021, meta l-appellant beda jaħdem bħala Sushi Chef ma' One80 Kitchen. Jirriżulta li wara ftit ġimgħat f'dan l-impjieg, l-appellant sab opportunità aħjar ma' Paradise Bay Hotel Limited, u għalhekk fis-7 ta' Novembru, 2021 irriżenja mill-impjieg li kellu, filwaqt li fit-18 ta' Novembru, 2021 għamel applikazzjoni ġdida għal *change of employer*. Jirriżulta wkoll li fil-frattemp, u sakemm l-Aġenzija appellata kienet għadha qegħda tipproċessa l-applikazzjoni tal-appellant, huwa sab opportunità aħjar ta' xogħol ma' Island Resort Company Limited, u għalhekk fit-3 ta' Jannar, 2022, huwa irtira l-applikazzjoni li kien għamel fit-18 ta' Novembru, 2021, u beda jissottometti d-dokumentazzjoni meħtieġa għal *change of employer* mill-ġdid. Jirriżulta li l-ewwel sottomissjoni *online* f'isem l-appellant saret fit-12 ta' Jannar, 2022, u l-applikazzjoni tiegħu tqieset li hija kompluta fl-24 ta' Frar, 2022. Sussegwentement l-Aġenzija appellata infurmat lill-appellant li fiż-żmien meta huwa intavola l-applikazzjoni tiegħu, l-Aġenzija qieset id-data tal-24 ta' Frar, 2022 bħala d-data meta saret l-applikazzjoni tal-appellant, huwa kien qiegħed f'Malta illegalment.

17. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, din il-Qorti tqis li l-Aġenzija appellata kellha tkun aktar raġonevoli meta ġiet biex tieħu

d-deċiżjoni tagħha, u l-istess jista' jingħad fir-rigward tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord. Din il-Qorti kemm-il darba ppronunzjat ruħha fis-sens li f'każijiet bħal dawn tistenna li l-amministrazzjoni pubblika timxi b'għarfien akbar u b'livell ogħla ta' sensittività fir-rigward taċ-ċirkostanzi umani li jwasslu persuna titlaq minn pajjiżha u tallontana ruħha mill-familja tagħha, biex tfittex opportunitajiet ta' xogħol f'pajjiż imbiegħed. L-appellant ġie Malta sabiex jaħdem fis-settur tal-*catering* fejn hemm il-ħtieġa ta' aktar riżorsi umani. Ma tagħtix tort lill-appellant fis-sitwazzjoni tiegħu, li filwaqt li jkun qiegħed Malta jagħmel l-almu tiegħu biex itejjeb il-qagħda tiegħu billi jsib opportunitajiet aħjar ta' xogħol. Kien għalhekk li ressaq l-ewwel applikazzjoni tiegħu għal *change of employer,* liema applikazzjoni ġiet irtirata minnu wara xahar sabiex idaħħal *change of employer form* oħra għaliex kellu opportunità oħra ta' xogħol ma' stabbiliment ieħor. Huwa ċar minn dan kollu li l-ħiliet tal-appellant fil-qasam li ġie biex jaħdem fih huma mfittxija f'pajjiżna. L-applikazzjoni tal-appellant biex jibda jaħdem ma' Island Resort Company Limited bdiet timtela fit-12 ta' Jannar, 2022, iżda minħabba li l-informazzjoni medika tal-appellant ma kinitx disponibbli, din l-informazzjoni ttellgħet fuq il-*portal* tal-Aġenzija appellata fl-24 ta' Frar, 2022, meta l-appellant kellu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa f'idejh. Għal xi raġuni, u minkejja l-kuntatt kontinwu mal-awtoritajiet li kienu qegħdin jiġu infurmati bl-applikazzjonijiet intavolati minn u f'isem l-appellant fir-rigward tat-tibdil fil-post tax-xogħol tiegħu, l-Aġenzija appellata qieset li kien hemm perijodu ta' erba' xhur li matulhom l-appellant kien qiegħed f'Malta illegalment, sempliċiment għaliex dan kien qiegħed jara f'liema post tax-xogħol kien qiegħed jiġi offrut l-aħjar kundizzjonijiet, u fejn kien qabillu li jmur jaħdem. Huwa ċar mit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, li għall-Aġenzija appellata l-perijodu li

fih l-appellant kien qiegħed japplika biex jinforma lill-awtoritajiet bit-tibdil li kien qiegħed jagħmel f'ħajtu, tqies bħala perijodu li fih l-appellant kien qiegħed f'Malta illegalment. L-Aġenzija appellata mkien ma semmiet li kien hemm perijodu ta' aktar minn xahar, bejn it-18 ta' Novembru, 2021 u t-3 ta' Jannar, 2022, li matulu l-appellant kien qiegħed jistenna l-approvazzjoni tal-Aġenzija appellata sabiex jirregolarizza l-bidla fl-impjieg meta kien għadu bil-ħsieb li jmur jaħdem fil-Paradise Bay Hotel. Lanqas ma ntqal li meta l-appellant irtira din l-applikazzjoni tiegħu għaliex sab opportunità aħjar mas-Soreda Hotel, huwa ħa ħsieb jibda jtella' d-dokumenti fuq il-portal *online* fit-12 ta' Jannar, 2022, jiġifieri fiż-żmien l-għaxart ijiem konċessi mill-Aġenzija appellata biex persuna tirregolarizza ruħha fir-rigward ta' bidla fl-impjieg. Anki hawnhekk il-Qorti tqis li m'hemm xejn raġonevoli f'sitwazzjoni fejn meta persuna titlef ix-xogħol tagħha, din tingħata perijodu ta' għaxart ijiem sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, iżda mbagħad l-aġenziji u l-uffiċċji amministrattivi, jieħdu l-ħin tagħhom biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet li jkollhom quddiemhom. Kemm l-Aġenzija u anki l-Bord, ressqu l-argument li l-appellant kien fi stat ta' illegalità għal perijodu ta' erba' xhur, u għalhekk kellu jiġi ordnat jitlaq minn Malta, sabiex f'każ li l-ħiliet tiegħu ikunu għadhom meħtieġa mill-*employer* prospettiv tiegħu, huwa jkun jista' japplika mill-ġdid għal Permess Uniku minn pajjiżu.

18. Huwa proprju hawnhekk fejn fil-fehma tal-Qorti, id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata u d-deċiżjoni tal-Bord huma neqsin mir-raġonevolezza li awtorità amministrattiva hija mistennija li teżerċita fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha. Il-Qorti tfakkar għal darb'oħra kemm hija importanti d-dimensjoni umana f'każijiet bħal dawn. Bid-deċiżjoni tagħha, l-Aġenzija appellata qegħda tippretendi li l-appellant jerġa' jħallas eluf ta' euro f'biljetti tal-ajru biex

jirritorna lura lejn il-Filippini, u japplika mill-ġdid għal impjieg li ġjà ġie offrut, sabiex wara li l-Aġenzija appellata tevalwa l-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid, u f'każ li jiġi deċiż li l-appellant għandu jingħata Permess Uniku biex jirritorna f'pajjiżna, dan jerġa' jħallas il-flus biex jiġi lura Malta u jkun jista' jibda jaħdem f'xogħol li diġà għandu. Dan naturalment b'aktar telf ta' żmien għalih u għall-intrapriża li ser tħaddmu magħha, fi żmien meta kif inhu komunement magħruf l-industrija tal-*catering* qegħda tiffaċċja sfidi kbar ta' nuqqas ta' riżorsi umani.

19. Il-Qorti ttenni li d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi li kellhom jiddeterminaw dan il-każ qabel wasal f'dan l-istadju ta' appell, mhux biss hija nieqsa mir-raġonevolezza, iżda wkoll hija msejsa fuq għadd ta' assunzjonijiet żbaljati, fosthom li għal perijodu ta' erba' xhur l-appellant kien qiegħed f'Malta illegalment. Għal din il-Qorti huwa assolutament inaċċettabbli li l-perijodu li matulu persuna tkun qegħda tipprova tirregolarizza l-qagħda tagħha, f'ċirkostanzi fejn hija m'għandha l-ebda jedd li tmexxi l-affarijiet tagħha hija stess, jitqies mill-awtoritajiet bħala perijodu li fih il-persuna kienet f'Malta illegalment. L-appellant m'għandu l-ebda ħtija għall-fatt li bejn it-18 ta' Novembru, 2021 u t-3 ta' Jannar, 2022, id-data li fiha huwa għażel li jirtira l-applikazzjoni tiegħu, l-Aġenzija appellata m'għamlet xejn u ma żammitux infurmat dwar l-eżitu tal-applikazzjoni tiegħu. Huwa għalhekk li xejn ma kien floku dak li ngħad fid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord, li l-appellant kien qiegħed jilgħab *("play around")* bl-opportunitajiet ta' xogħol li kellu, u li kważi kważi l-appellant jaħti għal-limbu legali li spiċċa fih, għaliex kien hu li ddeċieda li jibdel l-impjieg, kif wara kollox kellu kull dritt li jagħmel. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti qegħda tilqa' l-appell tal-appellant, u tirrevoka

u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tad-19 ta' Settembru, 2022, u d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tat-28 ta' Frar, 2022.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant, filwaqt li tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tad-19 ta' Settembru, 2022, u d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tat-28 ta' Frar, 2022, filwaqt li tibgħat lura l-atti lill-Bord sabiex jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu wara li jieħu konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti f'din is-sentenza.**

**Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Aġenzija appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**